# IL-POËZIJA TA' DUN KARM

## (WARD IEĦOR)

*(jorbot mal-għadd ta' April)*

Wara din, jiġu sunett u poeżija maqluba bil-malti mittaljan ta' G. Zanella. Ngħid għalija s-sunett bejn għoġobni u bejn ma għoġobnix. Poeżija sabieħa wkoll hi *"Mhux il-Kbir Biss...!"* imħabba fil-wisa ma nġib xejn minn dawn; u filwaqt li naqbeż il-poeżija 'Fruħa', ta' siwi żgħir, "Il-Għira" sabieħa għar-reqqa ta' kliem magħżul bis-sengħa, imma ta' ispirazioni rqiqa, dgħajfa, nieqaf ftit fuq *"Ix-Xħiħ.* Din il-poeżija, maħduma bil-għaqal għal dik li hi nisġa ta' kliem tagħtina it-tifsila tax-xħiħ mill-bidu sal-aħħar. Jolqtok il-ħjel oriġinali li fisser Dun Karm fuq ix-xħiħ li biex jaħrab is-sejħa ta' Mħabba ta' missier, difen qalbu fid-deheb imgeddes, u b'hekk kiser ir-rieda tan-natura.

...Għalkemm xi waqt saħħritek
  Il-ħlewwa ta' tarbija
Xagħrha bħaż-żbul u kwiekeb ħbub għajnejha,
  Meta inti fil-għaxija

Rajtha tixxabbat ma' sider missierha
  U tfaqqa id-daħk, u titla
Dejjem iżjed il-fuq u għonqu tħaddan,
  Bħal ma tħaddan lix-xitla

Ħaxixa li tixxeblek, int imbażża
  Mill-qawwa tal-Imħabba
Dawwart qalbek bid-deheb, għalaqtha tajjeb
  Biex fik qatt ma titrabba.

Inħalli din il-poeżija bla ma nżid xejn izjed, u "Biki ta' Omm" u "Frak" biex ngħaddi għall-aħħar poeżija ta' Dun Karm *"Il-Poeżija Tiegħi"* ta' siwi, għax turina x'jaħseb hu, minn l-għanja li gelglet minn qalbu bħal ilma safi minn ġo blata nadifa. Hu ma għanna qatt u la biex jissejjaħ poeta, u lanqas biex jiġi mfaħħar. Kiteb biss biex jati ħajja lis-sentimenti li kienu jimlewlu qalbu, bla taħbit ta' versi, jew tlaqqit ta' rima, il-għanja tiegħu ħarġet bnina weħedha:

Kif tinbet warda
Minn art xemxija
Twelidt minn qalbi,
O Poëżija:

Xewqa tiegħu hi li "mal-bliet, mar-rħula" il-poeżija tiġri, tidħol f'dar kulħadd biex iddewwaq il-benna tagħha, l-għasel tal-

kelma maltija. Il-poeta jilqot ukoll dawk li jgħajru fqir lil lsienna, u li għalhekk, (jgħidu huma) ma jistax jati qatt bixla xierqa lil ħsieb. Lil dawn—li aħna xtaqna qabel ma jmaqdru l-Malti jsibu ftit żmien biex jaraw x'inhu l-Malti f'idejn Dun Karm—jgħid il-poeta lil Poeżija tiegħu :

Jekk xi ħadd jgħajjrek
L-int wild il-faqar,
Mhux għalhekk, wieġbu,
Għandi ninħaqar.

Il-fqir mhux ħati :
Jekk jinġieb sewwa,
Xejn ma jistħoqqlu
Tieħdu bid-dnewwa.

Kien hemm min twieled
Fqajjar u stagħna...
U jaf il-muna
In-nisel tagħna.

Fl-aħħar poeżija, għeluq xieraq għal ħsieb tiegħu, għal ħsieb ta' wieħed li ħaddem il-pinna biex jati kitba xierqa f'i-dejn nies li ma jagħrfux l-ilsna barranin, Dun Karm ġabar x'jaħseb u x'jifhem minn li lsien Malti; jekk fqir li lsien Malti, jgħid hu, ħalluħ, tordmuhx taħt il-ġebel; biż-żmien għad jistagħna. Fl-aħħar mill-aħħar l-ilsna kollha ħarġu mill-faqar, armajn kollha bdew bil-għadd ta' ftit kliem, b'self u tiċpis, sa ma' biż-żmien ħadu trieq għalihom, rawmu barriera kbira li minnha l-kittieba mbagħad setgħu jaqtgħu l-ġebel biex jibnu l-għorof u l-palazzi tal-ħsieb, f'dawk il-kotba li ma jibżgħux miż-żmien. Mhemmx għalfejn nitħaddet iżjed għat-tul fuq dan. Dawk li għandhom rieda tajba jifhmuni malajr.

Qabel ma' nagħlaq nitlob maħfra lil qarrejja għan-nuqqas ta' reqqa li biha, jiena stajt ressaqt quddiemkom bċejjeċ mill-poeżija ta' Dun Karm l-ikbar Poeta li Malta kellha s'issa, u li wliedna ma jinsew qatt bħala l-missier tal-Malti.

Għal dak li hu xogħol ta' tgħarbil, fejn jidhrilkom sew li kont iebes iż-żejjed, jew li faħħart fejn ma kienx hemm għalfejn, jiena ntenni li nati l-għalqa lil kull ħabib ta' rieda tajba li jrid jidħol fiha biex niltaqgħu pinna ma pinna, ħsieb ma ħsieb, tifsira ma tifsira sa ma naraw fejn hemm is-sewwa li għandna noqogħdu għalih.

Nixtieq li l-ħbieb tal-Malti jitħajru għal xogħolijiet bħal dawn. Bil-kritka aħna nkunu nressqu l-aħjar xogħol tal-kittieba tagħna quddiem niesna ntiegħmu r-reqqa, il-benna, il-mużika, tagħhom, u dan kollu għal ġieħ ta' artna.

ĠUSÈ AQUILINA